MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1194/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Carmel Bianco (Id. 596360M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija, disa u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€869.68) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu mis-socjeta' attrici, u minkejja li gie interpellat ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta' tmien mija, disa u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€869.68), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------